KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fid-29 ta' Marzu 2007 [1]

I — Introduzzjoni

1. Iż-żgħażagħ b'diżabbiltà residenti fl-Olanda, li l-inkapaċità tagħhom għax-xogħol hija totali jew parzjali, igawdu minn benefiċċju fi flus bis-saħħa tal-Wet arbeidsongeschiktheidsvoorziening jonggehandicapten (liġi dwar l-għoti ta' għajnuna liż-żgħażagħ b'diżabbiltà milqutin minn inkapaċità għax-xogħol (iktar 'il quddiem il-"liġi Wajong"). Il-benefiċċju jissostitwixxi l-paga jew jikkompletaha sakemm tintlaħaq il-paga minima.

2. Fis-sentenza Kersbergen-Lap u Dams-Schipper [2] (iktar 'il quddiem is-"sentenza Kersbergen"), li ngħatat wara d-digriet li ta lok għal din id-domanda preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddikjarat li l-benefiċċju prevista mil-liġi Wajong huwa wieħed speċjali ta' natura mhux kontributorja, fis-sens ta' l-Artikolu 4(2a) tar-Regolament 1408/71 [3], li skond l-Artikolu 10a ta' l-istess Regolament ma titħallasx lil min ma jkunx residenti. Madankollu, fil-kawża msemmija r-rikorrenti ma kinux jeżerċitaw attività professjonali, u għalhekk il-benefiċċju fil-konfront tagħhom, issostitwixxa *in toto* dħul professjonali.

3. Bil-kontra ta' dan, is-sur Hendrix, l-appellant fil-kawża prinċipali, huwa impjegat. Billi l-paga tiegħu kienet inqas mid-dħul minimu legali, sakemm kien joqgħod fl-Olanda kien jirċievi, biex jikkompleta l-paga tiegħu, kontribuzzjoni fi flus prevista mil-liġi Wajong. Wara li ttrasferixxa ruħu fil-Belġju, il-ħlas ta' din il-kontribuzzjoni ġie sospiż.

4. Għaldaqstant, minbarra ż-żieda fil-benefiċċju skond ir-Regolament Nru 1408/71, is-Centrale Raad van Beroep iqajjem għaldaqs-

1 — Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

2 — C-154/05, Ġabra p. I-6249.

3 — Ir-Regolament tal-Kunsill, ta' l-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU L 149, p. 2), fil-verżjoni emendata u aġġornata tar-Regolament tal-Kunsill 118/97/KE tat-2 ta' Diċembru 1996, (ĠU L 28, p. 1), li mbagħad ġie emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 307/99/KE tat-8 ta' Frar 1999 (ĠU L 38, p. 1).

tant il-kwistjoni jekk ħaddiem jistax jinvoka l-moviment liberu tal-ħaddiema fil-konfront ta' l-Istat Membru li huwa ċittadin tiegħu, meta huwa jkun impjegat fl-istess Stat Membru, u ttrasferixxa biss ir-residenza tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Jekk f'dan il-każ japplika l-moviment liberu tal-ħaddiema, għandu jiġi stabbilit b'liema mod ir-regoli fir-Regolament Nru 1408/71 fuq il-benefiċċji speċjali mhux kontributorji jikkonformaw ma' dan il-prinċipju. Il-qorti titlob ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi fuq il-kompattibbiltà ta' dawn id-dispożizzjonijiet mal-moviment liberu taċ-ċittadini ta' l-Unjoni msemmi stabbilit fl-Artikolu 18 KE.

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt Komunitarju*

5. L-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament Nru 1612/68 [4] jipprovdi:

"1. Ħaddiem ċittadin ta' xi Stat Membru ma jistax, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, ikun trattat b'mod differenti minn ħaddiema ċittadini ta' dak l-Istat Membru minħabba ċ-ċittadinanza tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe kondizzjoni ta' l-impjieg u tax-xogħol, partikolarment fir-rigward ta' rimunerazzjoni, tkeċċija u jekk hu jisfa' mingħajr xogħol, ingaġġ mill-ġdid jew impjieg mill-ġdid.

2. Huwa għandu jgawdi l-istess vantaġġi soċjali u ta' taxxa bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru."

6. L-Artikolu 42(2) tar-Regolament Nru 1612/68 jistabbilixxi dan li ġej:

"Dan ir-Regolament m'għandux jaffetwa miżuri meħudin skond l-Artikolu 51 tat-Trattat."

7. L-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1408/71 jipprovdi li:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal-leġislazzjoni kollha rigward il-friegħi tas-sigurtà soċjali li ġejjin:

a) benefiċċji tal-mard u tal-maternità;

4 — Regolament tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU L 257, p. 2), Kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2434/92 tas-27 ta' Lulju 1992 (ĠU L 245, p. 1).

b) benefiċċji ta' l-invalidità, inklużi dawk maħsuba għall-manteniment jew it-titjib fil-kapaċità tal-qligħ (tal-flus);

2b Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal dispożizzjonijiet fil-liġijiet ta' Stat Membru li jikkonċernaw benefiċċji speċjali mhux kontributorji, imsemmija fl-Anness II, it-Taqsima III, u li l-validità tagħhom hija limitata għal parti mit-territorju tiegħu.

[...]

[...].

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-iskemi kollha u speċjali ta' sigurtà soċjali, sewwa jekk kontributorji u sewwa jekk mhux kontributorji, u għall-iskemi li għandhom x'jaqsmu mar-responsabbilità ta' min iħaddem jew is-sid ta' bastiment rigward il-benefiċċji msemmija fil-paragrafu 1.

4. Dan ir-Regolament ma għandux japplika [...] għall-għajnuna soċjali u dik medika".

2a. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għall-benefiċċji speċjali mhux kontributorji li huma pprovduti taħt leġiżlazzjoni jew skemi li mhumiex imsemmija fil-paragrafu 1 jew esklużi permezz tal-paragrafu 4, billi dawn il-benefiċċji huma maħsuba:

8. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-benefiċċji speċjali mhux kontributorji skond l-Artikolu 4(2a), l-Artikolu 10a(1) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprovdi:

a) jew sabiex jipprovdu protezzjoni suplimentari, sostitwita jew anċillari kontra r-riskji koperti mill-friegħi tas-sigurtà soċjali msemmija fil-paragrafu 1(a) sa (h), jew

b) unikament bħala protezzjoni speċifika għall-persuni b'diżabilità.

"Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 10 u tat-Titolu III, il-persuni li għalihom japplika dan ir-Regolament jingħataw il-benefiċċji fi flus non-kontributorji speċjali li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 4(2a) esklussivament fit-territorju ta' l-Istat Membru li fih jabitaw, skond il-leġiżlazzjoni ta' dak l-Istat, basta tali benefiċċji jkunu mniżżla fl-Anness IIa. Tali benefiċċji jingħataw minn u bi spejjeż ta' l-istituzzjoni tal-post ta' residenza."

9. Fl-Anness IIa, punt Q, tar-Regolament Nru 1408/71 hemm il-liġi Olandiża firrigward tal-benefiċċji ta' għajnuna lil żgħażagħ b'diżabbiltà milqutin b'inkapaċità li jaħdmu.

10. L-Artikolu 95b(8) tar-Regolament 1408/71 jgħid hekk:

"L-applikazzjoni ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1247/92 tista' ma tirriżultax fit-tneħħija ta' benefiċċji li kienu ngħataw qabel l-1 ta' Ġunju 1992 mill-istituzzjonijiet kompetenti ta' l-Istati Membri taħt it-Titolu III tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 li għalih huwa applikabbli l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' l-aħħar."

B — *Id-dritt nazzjonali*

11. Fl-Olanda, il-ħaddiema impjegati, sa mill-ewwel jum ta' xogħol igawdu minn assigurazzjoni kontra l-inkapaċità għax-xogħol bis-saħħa tal-Wet op de arbeidsongeschiktheidsverzekering (liġi dwar l-assigurazzjoni minħabba inkapaċità għax-xogħol – iktar 'il quddiem il-"WAO"). Il-persuni li minħabba diżabbiltà ma jistgħux jaħdmu jew kellhom minn dejjem kapaċità limitata għax-xogħol ma jirċievu l-ebda benefiċċju taħt il-WAO.

12. Sal-bidu ta' l-1998 kienet applikabbli fl-Olanda l-Algemene Arbeidsongeschiktheidswet (liġi ġenerali fuq l-inkapaċità għax-xogħol — iktar 'il quddiem l-"AAW"), li stabbiliet assigurazzjoni għall-inkapaċità għax-xogħol għall-persuni kollha li huma residenti fl-Olanda u li ma kinux assigurati taħt il-WAO. Skond dik il-liġi, b'mod partikolari, dawk li kellhom inkapaċità għax-xogħol fl-għeluq is-17-il sena tagħhom setgħu jitolbu, meta jagħlqu tmintax-il sena, ammont ta' benefiċċju minimu għaż-żgħażagħ b'diżabbiltà. Il-benefiċċji mogħtija skond l-AAW kienu ffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet ta' l-assigurati, u l-ammont tagħhom kien jiddependi mid-dħul taxxabbli rispettiv.

13. Mill-1 ta' Jannar 1998 l-AAW, safejn huwa rilevanti f'dan il-każ, ġiet issostitwita mill-Wet arbeidsongeschiktheidsvoorziening jonggehandicapten (liġi dwar il-benefiċċji ta' għajnuna għaż-żgħażagħ milqutin minn inkapaċità għax-xogħol — iktar 'il quddiem il-"Ligi Wajong") ta' l-24 ta' April. Il-liġi Wajong tistabbilixxi għall-kategorija speċjali ta' żgħażagħ b'diżabbiltà benefiċċju li jikkorrispondi għal dak li huwa kkunsidrat fl-

Olanda bħala l-minimu għall-għixien.

14. Id-dritt għall-benefiċċji taħt il-liġi Wajong, iffinanzjati kważi għal kollox mir-riżorsi statali, ma jiddipendix mill-istat ta' bżonn personali. Madankollu l-benefiċċji jitnaqqsu jekk il-benefiċjarju jkollu dħul minn xogħol.

15. Kuntrarjament għall-każ taħt l-AAW ta' qabel, il-benefiċċji taħt il-liġi Wajong jingħataw biss lil residenti b'diżabbiltà li joqgħodu fl-Olanda. Mill-1 ta' Settembru 2002 ġiet introdotta klawżola fil-liġi Wajong għall-każijiet fejn ikun hemm diffikultajiet soċjali, li biha huwa possibbli li ssir deroga mir-rekwiżit ta' residenza meta t-tmiem tad-dritt għall-benefiċċju jwassal għal sitwazzjoni ta' diffikultà inġusta, li tiġi rikonoxxuta, per eżempju fil-każ meta żagħżugħ b'diżabbiltà jkollu bżonn ta' trattament mediku barra mill-pajjiż, jekk ikun jista' jikseb post tax-xogħol barra b'ċertu prospetti ta' integrazzjoni jew jekk l-persuna li jiddependi minnha għall-għajnuna tkun imġiegħla toqgħod barra mill-Olanda.

16. Skond il-Wet op de (re)integratie arbeidsgehandicapten [liġi dwar ir-(re)integrazzjoni tal-ħaddiema b'diżabbiltà — Wet REA), min jimpjega jista' jiġi eżonerat mill-obbligu ta' ħlas tal-paga minima legali lil ħaddiema b'diżabbiltà li jagħmlu xogħol manifestament inferjuri għal dak normali.

III — Il-fatti u l-proċedura

17. D.P.W. Hendrix, ċittadin Olandiż, twieled fis-26 ta' Settembru 1975. Huwa għandu diżabbiltà mentali u minħabba f'hekk huwa meqjus li jbati minn inkapaċità għax-xogħol ta' bejn 80 % u 100 %. B'effett mis-26 ta' Settembru 1993 huwa ngħata benefiċċju skond l-AAW.

18. Mill-1 ta' Frar 1994 Hendrix kien impjegat f'ħanut ta' l-għodda fl-Olanda. Skond il-Wet REA, min kien jimpjegah kien eżonerat mill-obbligu li jħallsu l-paga minima stabbilita mil-liġi. Għaldaqstant, Hendrix kien jaqla' 70 % biss tal-paga minima legali u, għal dik ir-raġuni, kien jingħatalu benefiċċju skond il-liġi Wajong, ta' ammont ekwivalenti għal dak dovut fil-każ ta' inkapaċità għax-xogħol ta' bejn 25 u 35 %.

19. Fl-1 ta' Ġunju 1999, Hendrix ittrasferixxa ruħu fil-Belġju, iżda madankollu żamm l-impjieg tiegħu fl-Olanda. B'deċiżjoni tat-28 ta' Ġunju 1999, ir-Raad van Bestuur van het

Uitvoeringsinstituut Werknemersverzekeringen (iktar 'il quddiem il-"konvenut") waqqaf il-benefiċċju Wajong mill-1 ta' Lulju 1999. Peress li l-eżenzjoni rigward il-paga minima mogħtija lil min jimpjega baqgħet fis-seħħ u peress li dan ta' l-aħħar ċaħad it-talba għal żieda fil-paga, ġie xolt il-kuntratt tax-xogħol. Mill-5 ta' Lulju 1999 Hendrix huwa impjegat f'ħanut ieħor ta' l-għodda fejn jirċievi l-paga minima legali [5]. Fl-2001 Hendrix mar lura l-Olanda.

20. Billi l-kawża amministrattiva baqgħet mingħajr eżitu, Hendrix ressaq rikors kontra s-sospensjoni tal-benefiċċju Wajong quddiem ir-Rechtbank Amsterdam, li ċaħad it-talba b'sentenza tas-16 ta' Marzu 2001. B'digriet tal-15 ta' Lulju 2005, il-qorti ta' l-appell, is-Centrale Raad van Beroep, ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dawn id-domandi preliminari skond l-Artikolu 234 KE:

"1) Jekk benefiċċju mħallas skond il-liġi Wajong, imsemmija fl-Anness IIa tar-Regolament Nru 1408/71, għandux jiġi kkunsidrat bħala benefiċċju speċjali mhux kontributorju, skond l-Artikolu 4(2a) tar-Regolament Nru 1480/71, b'tali mod li għal individwu bħall-appellant fil-kawża prinċipali għandhiex tapplika għalih esklużivament ir-regola tal-koordinazzjoni li hemm fl-Artikolu 10a tar-Regolament Nru 1408/71? Jekk għat-tweġiba ta' din id-domanda huwiex rilevanti l-fatt li l-individwu kkonċernat kien irċieva oriġinarjament benefiċċju AAW (ta' natura kontributorja) għal żgħażagħ b'diżabbiltà, li mill-1 ta' Jannar 1998, inbidel ipso jure f'benefiċċju taħt il-liġi Wajong?

2) Jekk tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, ħaddiem jistax jinvoka l-Artikolu 39 KE, kif implementat fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1612/68, fil-konfront ta' Stat Membru li huwa ċittadin tiegħu, jekk ikun ħadem esklużivament f'dan l-istess Stat Membru, iżda huwa residenti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor?

3) Jekk tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel u t-tieni domanda, l-Artikolu 39 KE kif implementat mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68, għandux jinftiehem fis-sens li huwa dejjem kompatibbli ma' dispożizzjoni leġiżlattiva li tissuġġetta l-għoti jew iż-żamma ta' benefiċċju għar-residenza ta' l-individwu kkonċernat fit-territorju ta' l-Istat Membru li l-leġiżlazzjoni tiegħu tapplika, meta s-sistema msemmija tipprovdi għal benefiċċju speċjali, mhux kontributorju, skond l-Artikolu 4(2a) tar-Regolament Nru 1408/71 u li jissemma' fl-Anness IIa tar-Regolament stess?

5 — Il-kwistjoni kollha għalhekk għandha x'taqsam mad-dritt għall-benefiċċju Wajong fl-erbat ijiem li għaddew bejn l-1 u l-4 ta' Lulju 1999, kif jenfasizza ġustament il-Gvern Olandiż.

4) Jekk tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel u t-tieni domanda u f'każ ta' risposta negattiva għat-tielet domanda, għandux id-dritt Komunitarju jiġi interpretat (ara partikolarment l-Artikoli 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 u 39 KE, kif ukoll l-Artikoli 12 u 18 KE), fis-sens li n-natura tal-liġi Wajong tirrappreżenta ġustifikazzjoni suffiċjenti biex ikun hemm il-ħtieġa tar-rekwiżit tar-residenza fil-konfront ta' ċittadin ta' l-Unjoni li jiżvolġi xogħol full-time fl-Olanda u jkun f'dak ir-rigward suġġett esklużivament għal-liġi ta' l-Olanda?"

IV — Il-kunsiderazzjonijiet ġuridiċi

A — *Fuq l-ewwel domanda preliminari — In-natura tal-benefiċċju bħala benefiċċju speċjali mhux kontributorju, fis-sens tar-Regolament Nru 1408/71*

21. L-ewwel domanda mibgħuta mir-Raad van Beroep hija intiża biex tistabbilixxi jekk benefiċċju mħallas abbażi tal-liġi Wajong għandux jiġi kkunsidrat bħala benefiċċju speċjali mhux kontributorju fis-sens ta' l-Artikolu 4(2a) tar-Regolament Nru 1407/71, fejn għandha tiġi applikata r-regola ta' koordinazzjoni msemmija fl-Artikolu 10a ta' l-istess Regolament.

22. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà tat-tweġiba fl-affermattiv fis-sentenza Kersbergen, għaliex il-benefiċċju in kwistjoni huwa msemmi fl-Anness IIa tar-Regolament 1408/71 u huwa kemm ta' natura mhux kontributorja u speċjali [6]. Huwa għandu n-natura ta' benefiċċju speċjali għaliex minn naħa għandu l-karatteristiċi ta' benefiċċju għall-invalidità tas-sigurtà soċjali u min-naħa oħra ta' għajnuna soċjali. Il-benefiċċju huwa fil-fatt maħsub biex jiggarantixxi dħul minimu lil kategorija li hija soċjalment dgħajfa (iż-żgħażagħ b'diżabbiltà) [7].

23. Skond il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li l-għoti tal-benefiċċju Wajong mhuwiex marbut ma' l-eżami tas-sitwazzjoni tal-bżonn finanzjarju individwali [8] ma jqiegħedx fid-dubju l-fatt li hija simili għal għajnuna soċjali. Huwa biżżejjed, għal dan l-iskop, li

6 — Ara rigward ir-rekwiżit tal-preżenza kontemporanja ta' dawn ir-rekwiżiti s-sentenza tat-8 ta' Marzu 2001, Jauch (C-215/99, Ġabra p. I-1901, punt 21), u Kersbergen (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 25).

7 — Is-sentenza Kersbergen (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punti 30 u 31). Ara wkoll, ġeneralment, għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-ikklassifikar bħala benefiċċju speċjali, is-sentenzi ta' l-4 ta' Novembru 1997, Snares (C-20/96, Ġabra p. I-6057, punt 33), u d-29 ta' April 2004, Skalka (C-160/02, Ġabra p. I-5613, punt 25).

8 — Ara b'mod partikolari rigward dan ir-rekwiżit, il-konklużjonijiet tiegħi ta' l-20 ta' Ottubru 2005 fil-kawża Hosse (sentenza tal-21 ta' Frar, C-286/03, Ġabra p. I-1771, punti 66 sa 69).

l-kategorija ta' żgħażagħ b'diżabbiltà li tieħu dan il-benefiċċju, ma jkollhiex mezzi suffiċjenti ta' għixien [9].

24. Bl-ewwel domanda preliminari, is-Centrale Raad van Beroep tistaqsi ukoll jekk huwiex rilevanti l-fatt li l-individwu kkonċernat kien irċieva oriġinarjament benefiċċju AAW ta' natura kontributorja mogħti lil żagħżagħ b'diżabbiltà li ma kienx suġġett għar-rekwiżit tar-residenza, imma li mill-1 ta' Jannar 1998 inbidel f'benefiċċju taħt il-liġi Wajong.

25. F'dan ir-rigward, dejjem fis-sentenza Kersbergen, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddikjarat li ma jistax jiġi invokat il-prinċipju taż-żamma tad-drittijiet miksuba meta l-benefiċjarju jkun stabbilixxa r-residenza tiegħu barra mill-pajjiż wara li l-benefiċċju AAW jkun inbidel bil-benefiċċju Wajong [10]. Ladarba Hendrix mar il-Belġju fl-1 ta' Ġunju 1999, huwa ma jistax jinvoka dak il-prinċipju legali. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' sistema tranżitorja ta' natura differenti, l-effetti legali tat-trasferiment tar-residenza għandhom jiġu evalwati fid-dawl tal-kuntest leġiżlattiv fisseħħ f'dik id-data.

26. F'dan il-każ partikolari, l-Artikolu 95a(8) tar-Regolament Nru 1408/71 mhuwiex ta' utilità għaliex, qabel l-1 ta' Ġunju 1992, Hendrix ma kienx għadu qed jirċievi l-benefiċċji li qed jintalab li jkomplu jingħataw skond dik id-dispożizzjoni.

27. Għalhekk għandu jitqies fl-ewwel lok li benefiċċju mħallas abbażi tal-liġi Wajong għandu jitqies bħala benefiċċju speċjali mhux kontributorju skond l-Artikolu 4(2a) tar-Regolament Nru 1408/71, li għalih tapplika r-regola ta' koordinazzjoni li hemm fl-Artikolu 10a ta' l-istess Regolament. L-istess raġunament jgħodd ukoll fil-każ li l-individwu kkonċernat jirċievi fil-bidu benefiċċju ta' natura kontributorja li tinbidel, mill-1 ta' Jannar 1998, f'benefiċċju taħt il-liġi Wajong.

28. Madankollu għandu jiġi eżaminat jekk ir-rekwiżit ta' residenza li jinsab fl-Artikolu 10a tar-Regolament 1408/71, fil-kundizzjonijiet ta' dan il-każ partikolari, huwiex kompatibbli mad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema.

9 — Dan huwa argument li mad-daqqa t'għajn jista' jidher sorprendenti. Fil-fatt biex talba klassika għall-għajnuna soċjali tiġi milqugħa, normalment mhuwiex biżżejjed li jintwera lill-awtorità tas-sigurtà soċjali li wieħed ikun jaqa' taħt kategorija soċjalment dgħajfa mingħajr ma juri konkretament x'inhi s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu. Id-dikjarazzjoni tal-Qorti hija ġustifikabbli għall-fatt li n-natura ta' benefiċċju bħala benefiċċju speċjali għandha tkun subordinata biss għal ċertu xebh ma' l-għajnuna soċjali, li jkun biżżejjed biex taġtih il-bażi ta' natura mhallta, mingħajr ma jkun eżattament għajnuna soċjali.

10 — Sentenza Kersbergen (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punti 41 *et seq.*).

B — *Fuq it-tieni domanda preliminari — Possibbiltà li jiġi invokat l-prinċipju tal-moviment liberu tal-ħaddiema fil-konfront ta' Stat Membru li l-ħaddiem huwa ċittadin tiegħu*

29. Bit-tieni domanda tagħha, is-Centrale Raad van Beroep tistaqsi jekk ħaddiem jistax jinvoka l-Artikolu 39 KE kif implementat fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1612/68 fil-konfront ta' Stat Membru li huwa ċittadin tiegħu, jekk huwa jaħdem u jkompli jaħdem esklużivament f'dak l-istess Stat Membru, iżda jkun residenti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

30. Il-benefiċċju Wajong jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68, għaliex ġeneralment jingħata lill-ħaddiema ċittadini minħabba l-fatt oġġettiv li huma ħaddiema jew għas-sempliċi fatt li huma residenti fit-territorju nazzjonali [11].

31. L-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1612/68 huwa l-implementazzjoni tal-projbizzjoni kontra d-diskriminazzjoni, diġà stabbilita fl-Artikolu 39(2) KE, fl-għoti ta' vantaġġi soċjali [12]. Skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68, l-Istat Membru li jospita ma jistax jagħti lill-ħaddiema ta' Stati Membri oħrajn, minħabba ċ-ċittadinanza tagħhom, trattament differenti minn dak tal-ħaddiema li huma ċittadini tiegħu. B'dak il-mod, id-dispożizzjoni tidher li ma tilħaqx il-livell ta' garanzija fl-Artikolu 39 KE li kull ċittadin Komunitarju jista' jinvoka jekk ikun eżerċita d-dritt għall-moviment liberu tal-ħaddiema indipendentement mill-post ta' residenza u ta' ċittadinanza tagħhom [13]. Minkejja dan, il-Qorti tal-Ġustizzja tapplika ż-żewġ dispożizzjonijiet b'mod parallel u tagħti lill-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1612/68 l-istess interpretazzjoni ta' l-Artikolu 39 KE [14]. Għalhekk, anki f'din il-kawża tista' ssir referenza għal dawn id-dispożizzjonijiet flimkien.

32. Ir-regoli tat-Trattat rigward il-moviment liberu u l-atti meħuda għall-implementazzjoni ta' dawn ir-regoli ma jistgħux jiġu applikati għal attivitajiet li ma għandhom l-ebda element ta' rabta ma' xi waħda mis-sitwazzjonijiet previsti mid-dritt Komunitarju u li l-elementi tagħhom jinsabu kollha

11 — Ara s-sentenzi tat-30 ta' Settembru 1975, Cristini (32/75, Ġabra p. 1085, punti 10 sa 13); tat-8 ta' Ġunju 1999, Meeusen (C-337/97, Ġabra p. I-3289, punt 22), u tal-15 ta' Settembru 2005, Ioannidis (C-258/04, Ġabra p. I-8275, punt 35).

12 — Sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-205/04, Ġabra p. I-31, punt 15).

13 — Ara s-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2002, de Groot (C-385/00, Ġabra p. I-11819, punt 76); tat-13 ta' Novembru 2003, Schilling u Fleck-Schilling (C-209/01, Ġabra p. I-13389, punt 23), u tal-21 ta' Frar 2006, Ritter-Coulais (C-152/03, Ġabra p. I-1711, punt 31).

14 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-23 ta' Mejju 1996, O'Flynn (C-237/94, Ġabra p. I-2617, punt 19); tas-26 ta' Jannar 1999, Terhoeve (C-18/95, Ġabra p. I-345, punt 29); tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler (C-224/01, Ġabra p. I-10239, punti 77 u 88), u Il-Kummissjoni vs Spanja (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 15). Ta' fehma differenti huwa l-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-konklużjonijiet ippreżentati fit-2 ta' Frar 2006, fil-kawża De Cuyper (C-406/04, Ġabra p. I-6947, punti 34-37), u l-Avukat Ġenerali Jacobs fil-konklużjonijiet ippreżentati fit-2 ta' Mejju 1996, Hoever u Zachow (sentenza ta' l-10 ta' Ottubru 1996 C-245/94 u C-312/94, Ġabra p. I-4895, punti 93 sa 100).

fi Stat Membru wieħed [15]. Għalhekk, finnuqqas ta' differenza fit-trattament minħabba ċ-ċittadinanza u fejn ħaddiem jinvoka l-moviment liberu tal-ħaddiema fil-konfront ta' l-Istat Membru tiegħu, jinħtieġ element ulterjuri ta' moviment bejn il-fruntieri biex il-fatti partikolari tal-każ ikunu jistgħu jidħlu fl-isfera ta' applikazzjoni tal-moviment liberu tal-ħaddiema.

33. F'dan il-każ, l-element transkonfini jidher fil-fatt li Hendrix joqgħod fil-Belġju u huwa impjegat fl-Olanda, u b'hekk kuljum imur, bħala ħaddiem fuq il-fruntiera [16], minn Stat Membru għal ieħor biex jeżerċita hemmhekk l-attività professjonali tiegħu.

34. Il-konvenut u l-Gvernijiet ta' l-Olanda u tar-Renju Unit isostnu li ħaddiem jista' jinvoka l-Artikolu 39 KE fil-konfront ta' Stat Membru li jkun ċittadin tiegħu fil-każ biss li jkun eżerċita d-dritt għall-moviment liberu tal-ħaddiema [17]. Skond is-sentenza Werner [18], dan mhuwiex il-każ meta l-individwu kkonċernat ikun ittrasferixxa fi Stat Membru ieħor biss ir-residenza, filwaqt li jibqa' jaħdem fl-Istat ta' oriġini tiegħu.

35. Madankollu, fis-sentenza ta' wara Van Pommeren-Bourgondiën [19], f'sitwazzjoni simili, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet il-possibbiltà li jiġi invokat il-moviment liberu tal-ħaddiema. Ir-rikorrenti f'dik il-kawża kienet ta' nazzjonalità Olandiża, kienet toqgħod fil-Belġju iżda ħadmet fl-Olanda matul il-ħajja professjonali kollha tagħha. Minħabba r-residenza tagħha, fl-Olanda ġiet ikkunsidrata, għall-finijiet tas-sigurtà soċjali, bħala assigurata volontarjament u mhux b'mod obbligatorju, u kellha tħallas kontribuzzjonijiet ogħla minn dawk imħallsin mir-residenti, prassi li ġiet ikkunsidrata li mhijiex kumpatibbli mar-Regolament Nru 1408/71.

36. Madankollu l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-kundizzjoni ta' residenza mitluba milleġiżlatur Olandiż sabiex tkun tista' titkompla l-affiljazzjoni obbligatorja ma' ċerti friegħi tas-sigurtà soċjali mhijiex kompatibbli ma' l-Artikolu 39 KE anki jekk il-kundizzjonijiet ta' affiljazzjoni volontarja mhumiex iktar sfavorevoli mill-kundizzjonijiet ta' affiljazzjoni obbligatorja, għall-istess friegħi ta' sigurtà soċjali, li jibbenifikaw minnhom ir-residenti [20]. Il-fatt li Van Pommeren-Bourgondiën ħadmet dejjem fl-Olanda, u kienet

15 — Ara s-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 1997, Uecker u Jacquet (C-64/96 u C-65/96, Ġabra p. I-3171, punt 16); Terhoeve (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 26); tal-11 ta' Ottubru 2001, Khalil *et* (kawżi magħquda minn C-95/99 sa C-98/99 u C-180/99, Ġabra p. I-7413, punt 69), u tal-11 ta' Jannar 2007, ITC (C-208/05, Ġabra p. I-181, punt 29).

16 — Kunċett iddefinit fl-Artikolu 1(b) tar-Regolament Nru 1408/71.

17 — Ara fir-rigward is-sentenzi tas-7 ta' Frar 1979, Knoors (115/78, Ġabra p. 399, punt 24); tas-7 ta' Lilju 1992, Singh (C-370/90, Ġabra p. I-4265, punt 23); tat-23 ta' Frar 1994, Scholz (C-419/92, Ġabra p. I-505, punt 9); Terhoeve (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 27), u de Groot (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 76).

18 — Sentenza tas-26 ta' Jannar 1993, Werner (C-112/91, Ġabra p. I-429, punti 16 u 17), dwar il-libertà ta' l-istabbiliment. L-Avukat Ġenerali Geelhoed esprima ruħu favur idea restrittiva adottata fis-sentenza Werner [(ara l-konklużjonijiet tat-28 ta' Settembru 2006, fil-kawża Hartmann (C-212/05, pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, punti 32 sa 42)].

19 — Sentenza tas-7 ta' Lulju 2005, (C-227/03, Ġabra p. I-6101).

20 — *Ibid*, punt 40.

tmur il-Belġju għall-finijiet biss ta' residenza, ma kienx jeskludi manifestament l-applikazzjoni tal-moviment liberu tal-ħaddiema.

37. Fis-sentenza Ritter-Coulais [21] l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat fi kliem ċar ħafna din il-fehma meta ddikjarat:

"[...] li kull ċittadin Komunitarju, indipendentement mir-residenza u min-nazzjonalità tiegħu, li għamel użu mid-dritt tal-moviment liberu tal-ħaddiema u li eżerċita attività professjonali fi Stat Membru ieħor minn dak tar-residenza, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 48 tat-Trattat [...]

Jirriżulta li s-sitwazzjoni tal-konjuġi Ritter-Coulais, li kienu jaħdmu fi Stat Membru differenti minn dak fejn tinsab ir-residenza reali tagħhom, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 48 tat-Trattat [li wara emenda sar l-Artikolu 39 tat-Trattat]".

38. Jingħad ukoll li ż-żewġ konjuġi kellhom (f'kull każ ukoll) [22] ċittadinanza Ġermaniża, u għalhekk kienu ċittadini ta' l-Istat fejn jaħdmu u li fil-konfront tiegħu kellhom id-dritt għall-moviment liberu tal-ħaddiema. L-element transkonfini kien biss wieħed ta' residenza fi Stat Membru ieħor [23].

39. Fis-sentenza N., il-Qorti tal-Ġustizzja applikat dan il-prinċipju b'analoġija mad-dritt ta' l-istabbiliment. Anki f'dan il-każ ir-rikorrenti kienet ittrasferiet ir-residenza tagħha mill-Istat tan-nazzjonalità tagħha u fejn kellha l-attività ekonomika tagħha għal Stat Membru ieħor mingħajr ma bdiet hemmhekk attività ekonomika. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dik is-sitwazzjoni kienet taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà ta' l-istabbiliment [24].

40. M'hijiex konvinċenti l-approċċ adottat fis-sentenza Ritter-Coulais għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-fatt li l-moviment liberu ġenerali taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u l-movi-

21 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punti 31 u 32.

22 — Ritter-Coulais kienet ċittadina Franċiża wkoll. Madankollu, kif indika tajjeb l-Avukat Ġenerali Léger, il-konjuġi kienu intaxxati flimkien fil-Ġermanja b'mod li l-kunsiderazzjoni b'mod separat taċ-ċittadinanza Franċiża tal-mara kien ikun artifiċjali (ara l-konklużjonijiet ippreżentati fl-1 ta' Marzu 2005, fil-kawża Ritter-Coulais (C-152/03, Ġabra p. I-1711, punt 36)].

23 — Kien ikun aħjar kieku l-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Ritter-Coulais iddikjarat b'mod espliċitu l-abbandun tal-ġurisprudenza Werner li Avukat Ġenerali Léger kien ibbaża ruħu fuqha b'mod determinanti (ara l-konklużjonijiet fil-kawża Ritter-Coulais, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punti 5 *et seq.*). Minflok, il-Qorti tal-Ġustizzja lanqas biss tagħmel referenza għas-sentenza Werner.

24 — Sentenza tas-7 ta' Settembru 2006 (C-470/04, Ġabra p. I-7445, punt 28).

ment liberu tal-kapitali, invokati mir-rikorrenti, kienu għadhom ma japplikawx, *ratione temporis,* għall-fatti tal-każ [25]. Minn naħa, issentenza Van Pommeren-Bourgondiën turi li tipprevali l-interpretazzjoni tal-prinċipju tal-moviment liberu tal-ħaddiema, kompletament indipendentement mis-sitwazzjoni partikolari tal-kawża Ritter-Coulais. Min-naħa l-oħra, mhuwiex sostenibbli, mil-lat ġuridiku, li ssir interpretazzjoni tal-moviment liberu tal-ħaddiema iktar wiesgħa jew ristretta skond jekk tapplikax libertà fundamentali oħra jew le għall-fatti.

41. Il-ġurisprudenza msemmija hija bbażata fuq il-kunċett ta' suq wieħed intiż bħala arja bla fruntieri interni, li fiha l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, tas-servizzi u kapitali huwa żgurat kif deskritt fl-Artikolu 14(2) KE. L-Artikolu 39 KE jimplementa prinċipju fundamentali stabbilit fl-artikolu 3(1)(ċ) KE li jgħid li, għall-finijiet ta' l-Artikolu 2 KE, l-azzjonijiet tal-Komunità jimplikaw it-tneħħija, fost l-Istati Membri, ta' l-ostakoli għallmoviment liberu tal-persuni [26]. Ma tantx huwa importanti f'dan ir-rigward jekk dawn l-ostakoli jiġux mill-Istat ta' oriġini jew minn dak li jospita [27].

42. L-interpretazzjoni restrittiva tal-moviment liberu tal-ħaddiema sostnuta millkonvenut u mill-Gvernijiet intervenjenti huwa f'kuntradizzjoni mal-prinċipju fundamentali tas-suq intern. F'żona mingħajr fruntieri interni, dak li jħalli l-Istat ta' residenza tiegħu biex imur jaħdem fl-Istat li tiegħu huwa ċittadin, għandu jkun inqas ostakolat minn min, minħabba x-xogħol, jivvjaġġa bejn l-Istat li tiegħu huwa ċittadin u Stat Membru ieħor.

43. Id-definizzjoni restrittiva tal-kamp ta' applikazzjoni tal-moviment liberu tal-ħaddiema tidher li hija bbażata b'mod eċċessiv fuq iċ-ċittadinanza ta' l-individwu kkonċernat pjuttost milli fuq l-element transkonfini tal-fatti, u b'hekk issir distinzjoni skond jekk min jaqsam il-fruntiera biex jaħdem huwiex ċittadin ta' l-Istat in kwistjoni jew ċittadin barrani. Jekk Hendrix, wara li mar fil-Belġju, sab impjieg fil-Ġermanja u kien imur hemmhekk kuljum biex jaħdem, huwa seta' mingħajr l-iċken dubju jinvoka l-prinċipju tal-moviment liberu tal-ħaddiema.

25 — Dan huwa dak li jippreċiża l-Avukat Ġenerali Geelhoed filkonklużjonijiet ppreżentati fil-kawża Hartmann (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 37).

26 — Ara s-sentenzi Terhoeve (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 36); Singh (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 15), u tal-15 ta' Ġunju 2000, Sehrer (C-302/98, Ġabra p. I-4585, punt 31).

27 — Ara s-sentenzi Terhoeve (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punti 37 u 39); Sehrer (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punti 32 u 33), kif ukoll tad-9 ta' Novembru 2006, Turpeinen (C-520/04, Ġabra p. I-10685, punti 14 u 15).

M'hemmx raġuni għaliex huwa għandu jkun ittrattat b'mod differenti fil-każ li huwa jmur jaħdem kuljum fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu, l-Olanda.

44. Fil-konklużjonijiet ippreżentati fil-kawża Hartmann, l-Avukat Ġenerali Geelhoed iddikjara ruħu favur interpretazzjoni dejqa ta' l-Artikolu 39 KE. Din l-interpretazzjoni hija sostnuta wkoll mill-konvenut u mill-Gvernijiet intervenjenti f'din il-kawża. In sostenn ta' din l-interpretazzjoni, huwa sostna li din id-dispożizzjoni hija intiża b'mod esklużiv biex tiggarantixxi l-moviment tal-ħaddiema, li mhuwiex il-każ fis-sitwazzjoni ta' sempliċi bdil tar-residenza [28].

45. Inkwantu dispożizzjoni nazzjonali tintrabat direttament mal-bdil tar-residenza privata, fil-każ, per eżempju, billi toħloq ostakoli fiskali jew amministrattivi għat-trasferiment, għandu jiġi eżaminat jekk b'dawn il-miżuri jkunx hemm indħil fil-moviment liberu taċ-ċittadini ta' l-Unjoni stabbilita bl-Artikolu 18 KE. Jekk, madankollu, meta jkun hemm il-bdil tar-residenza, il-ħsara tiġi mill-fatt li l-post ta' residenza u l-post tax-xogħol ma jkunux iktar l-istess, tipprevali l-applikazzjoni tal-moviment liberu tal-ħaddiema. Minn dan il-mument, jiġi ostakolat il-moviment tal-ħaddiema mill-Istat (il-ġdid) ta' residenza fl-Istat fejn jaħdem il-ħaddiem.

46. Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 39 KE mhuwiex element deċiżiv il-fatt li s-sitwazzjoni transkonfini tiġi mill-bdil tal-post ta' residenza jew inkella dak tal-post tax-xogħol. Inkella jkun hemm ir-riskju ta' riżultati kompletament fortuwiti. B'dan il-mod, Hendrix li ħadem mingħajr interruzzjoni fl-Olanda u ttrasferixxa r-residenza tiegħu fi Stat ieħor, ma jistax jinvoka preliminarjament il-moviment liberu tal-ħaddiema. Min-naħa l-oħra, jekk wara l-bdil tar-residenza kellu jitlef il-post tax-xogħol u jikseb, wara din l-interruzzjoni, xogħol ieħor fl-Olanda, japplika l-moviment liberu tal-ħaddiema billi, f'dak il-punt, iċ-ċaqliq mill-Belġju għall-Olanda iseħħ sabiex huwa jidħol f'attività ġdida ta' impjieg.

47. Huwa minnu li, f'ħafna każijiet il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li ħaddiem jista' juża l-Artikolu 39 KE fil-konfront ta' Stat Membru li jkun ċittadin tiegħu wara li jkun eżerċita d-dritt tiegħu għall-moviment liberu tal-ħaddiema [29]. Il-Qorti tal-Ġustizzja qabblet din

28 — Ara l-konklużjonijiet fil-kawża Hartmann (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 41). Ara wkoll l-Avukat Ġenerali Darmon fil-konklużjonijiet ippreżentati fis-6 ta' Ottubru 1992 fil-kawża Werner (C-112/91, Ġabra p. I-429, punt 30).

29 — Ara per eżempju s-sentenzi ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17.

is-sitwazzjoni ma' dik fejn l-individwu kkonċernat jikseb diploma jew kwalifika professjonali barra mill-pajjiż [30].

C — *Fuq it-tielet domanda preliminari — Irrabta bejn, minn naħa, ir-Regolament Nru 1408/71 u min-naħa l-oħra, ir-Regolament Nru 1612/68 kif ukoll l-Artikolu 39 KE*

48. Madankollu, f'dawn il-kawżi, l-individwi kkonċernati kienu, fil-bidu l-kbira tagħhom, stabbilew mill-ġdid ir-residenza tagħhom fl-Istat ta' oriġini tagħhom, u invokaw fil-konfront ta' dan ta' l-aħħar id-dritt għall-moviment liberu tal-ħaddiema. B'hekk peress li kuntrarjament għall-każ ta' Hendrix, il-post tax-xogħol u dak tar-residenza ma kinux baqgħu distinti, kien jeħtieġ li jseħħ qabel moviment transkonfini biex jirriżulta l-istatus ta' ħaddiem migrant. Madankollu, minn dawn is-sentenzi ma jistax jiġi dedott li l-istatus ta' ħaddiem migrant ma jistax jinkiseb bit-trasferiment tar-residenza.

49. It-tweġiba għat-tieni domanda preliminari għandha tkun li ħaddiem jista' jinvoka l-Artikolu 39 KE u l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1612/68 fil-konfront ta' Stat Membru li huwa ċittadin tiegħu, jekk ħadem u jkompli jaħdem esklużivament f'dan l-Istat Membru, minkejja li joqgħod fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

50. Bit-tielet domanda tagħha s-Centrale Raad van Beroep tistaqsi jekk dispożizzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-għoti jew iż-żamma ta' benefiċċju tas-sigurtà soċjali mar-residenza ta' l-individwu kkonċernat fit-territorju ta' l-Istat Membru huwiex dejjem kompatibbli ma' l-Artikolu 39 KE u ma' l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 għaliex il-benefiċċju huwa benefiċċju speċjali mhux kontributorju fis-sens ta' l-Artikolu 4 (2a) tar-Regolament Nru 1408/71 li jingħata biss, skond l-Artikolu 10a ta' l-istess Regolament, lir-residenti.

51. F'dan ir-rigward il-konvenut u l-Gvernijiet ta' l-Olanda u tar-Renju Unit isostnu li r-Regolament Nru 1408/71 huwa aktar speċifiku mir-Regolament Nru 1612/68, u għalhekk huwa applikabbli esklużivament fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu [31]. Ir-Regolament Nru 1612/68 ma jistax iwassal sabiex l-

30 — Ara s-sentenzi Knoors (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 24), u tal-31 ta' Marzu 1993, Kraus (C-19/92, Ġabra p. I-1663, punti 15 u 16).

31 — Ara wkoll il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-kawża Hartmann (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 50).

esportazzjoni tal-benefiċċji, li hija eskluża skond l-Artikolu 10a tar-Regolament 1408/71, tkun tista' tiġi mitluba.

52. Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu ddikjarat li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 jista' japplika għal vantaġġi soċjali li huma, fl-istess waqt, suġġetti għal regolamentazzjoni speċifika tar-Regolament Nru 1408/71 [32]. Iż-żewġ dispożizzjonijiet huma applikabbli kontemporanjament billi m'għandhomx l-istess kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* [33], peress li l-kunċett ta vantaġġ soċjali fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 huwa usa' minn dak ta' għajnuna soċjali skond ir-Regolament Nru 1408/71 [34], u, fl-aħħar nett, billi r-Regolament 1612/68, inerenti fil-moviment liberu tal-ħaddiema [35], huwa ta' portata ġenerali. Għalhekk, il-fatt li benefiċċju ma jaqax, jew ma jaqax mingħajr kundizzjoni, taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71 u li, minħabba f'hekk, dak ir-Regolament ma jitlobx l-esportazzjoni tiegħu, ma jipprovdi ebda indikazzjoni dwar il-kundizzjonijiet previsti mir-Regolament Nru 1612/68 għall-għoti ta' dan il-benefiċċju [36].

53. Mis-sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza [37] u Scrivner [38], imsemmija mill-konvenut u mill-Gvern Olandiż ma jirriżulta xejn differenti. F'dawn iż-żewġ kawżi ma ġietx diskussa l-eventwali prevalenza tar-Regolament Nru 1408/71, peress li ċ-ċirkustanzi partikolari tagħhom ma kinux jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament [39].

54. Bl-istess mod, meta mill-Artikolu 42(2) tar-Regolament Nru 1612/68 ["Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa miżuri meħudin skond l-Artikolu 51 tat-Trattat (li, wara li ġie emendat sar l-Artikolu 42 KE)"] jiġi dedott li r-Regolament Nru 1408/71 jipprevali fuq ir-Regolament Nru 1612/68, dan l-argument ma jidhirx li huwa konvinċenti [40]. L-Artikolu 42(2) tar-Regolament Nru 1612/68 ma jitkellimx fuq prevalenza tad-dispożizzjonijiet adottati skond l-Artikolu 42 KE, iżda jipprovdi biss li "m'għandhom jaffettwaw" dawk id-dispożizzjonijiet. Minn dan il-kliem ma jirriżultax li r-Regolament Nru 1612/68 għandu jassumi rwol subordinat; pjuttost

32 — Ara s-sentenzi ta' l-10 ta' Marzu 1993, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-111/91, Ġabra p. I-817, punt 21), u tat-12 ta' Mejju 1998, Martínez Sala (C-85/96, Ġabra p. I-2691, punt 27).

33 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 32, punt 20).

34 — Ara l-konklużjonijiet tal-kawża Hosse (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 104).

35 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 32, punt 21).

36 — Ara l-konklużjonijiet tal-kawża Hosse (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 104).

37 — Sentenza ta' l-24 ta' Settembru 1998 (C-35/97, Ġabra p. I-5325, punt 47).

38 — Sentenza tas-27 ta' Marzu 1985 (122/84, Ġabra p. 1027).

39 — Ara s-sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 37, punt 35), u Scrivner (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, punt 21). Għaldaqstant tiżbalja wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-EFTA tat-3 ta' Mejju 2006, EFTA Awtorità tas-Sorveljanza vs In-Norveġja (E-3/05, Ġabra tal-Qorti EFTA, p. 102, punt 63), fejn is-sentenza Scrivner tiġi ċċitata bħala prova li r-Regolament Nru 1408/71 jipprevali fuq ir-Regolament Nru 1612/68.

40 — Ara madankollu l-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-kawża Hartmann (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 50) u s-sentenza tal-Qorti ta' l-EFTA Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA vs In-Norveġja (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39, punt 63).

tirriżulta validità reċiprokament awtonoma, jiġifieri parallela [41].

55. Lanqas il-fatt li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 huwa fformulat b'mod ġenerali — filwaqt li r-Regolament Nru 1408/71 jinkludi regoli konkreti fissettur tas-sigurtà soċjali — ma jiġġustifika l-konklużjoni li, inkwantu *lex specialis,* ir-Regolament Nru 1408/71 jipprevali fuq ir-Regolament Nru 1612/68. Fil-fatt it-teknika leġiżlattiva użata fiż-żewġ atti ma tagħtix indikazzjoni, minnha nnifisha, fuq l-ordni ta' prijorità bejn iż-żewġ regolamenti.

56. Kontra l-prevalenza tar-Regolament Nru 1408/71 fuq l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1612/68 huwa qabel kollox l-argument li l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1612/68 huwa fil-fatt espressjoni partikolari biss tal-garanziji stabbiliti fl-Artikolu 39 KE u għandu jiġi interpretat bl-istess mod bħal dik id-dispożizzjoni [42]. Madankollu l-prinċipji imposti mit-Trattat inkwantu sors ta' dritt ta' livell superjuri għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni fil-każijiet kollha ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71. Il-fatt li dispożizzjoni nazzjonali tikkonforma ma' dispożizzjoni tad-dritt derivat, f'dan il-każ l-Artikolu 10a tar-Regolament Nru 1408/71, m'għandhiex l-effett li teskludi din id-dispożizzjoni mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat [43].

57. Ostaklu għal-libertajiet fundamentali għandu għaldaqstant jiġi ġġustifikat b'raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali anki meta jirriżulta minn regolament Komunitarju jew minn dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li hija konformi mad-dritt derivat. Huwa minnu li l-leġiżlatur Komunitarju u l-leġiżlatur nazzjonali għandhom marġni ta' diskrezzjoni fl-adozzjoni ta' liġijiet ta' interess ġenerali li jolqtu l-libertajiet fundamentali. Madankollu, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li teżamina jekk il-leġiżlatur qabiżx il-limiti ta' din id-diskrezzjoni u għaldaqstant kiser il-libertajiet fondamentali.

58. Ir-risposta għat-tielet domanda preliminari għandha tkun li regolament ta' Stat Membru li jissuġġetta l-għoti jew iż-żamma ta' benefiċċju tas-sigurtà soċjali għar-residenza ta' l-individwu kkonċernat fit-territorju tiegħu mhuwiex dejjem kompatibbli ma' l-Artikolu 39 KE u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 għall-fatt biss li l-benefiċċju huwa benefiċċju speċjali mhux

41 — F'dan is-sens anki l-verżjoni Franċiża ta' l-Artikolu 42(2) tar-Regolament Nru 1612/68 tadotta l-kliem "Le présent règlement ne porte pas atteinte aux dispositions prises conformément à l'article 51 du traité". Lanqas il-verżjoni Ingliża ma tagħti l-impressjoni li r-Regolament Nru 1408/71 jipprevali, "This Regulation shall not affect measures taken in accordance with Artic[l]e 51 of the Treaty".

42 — Ara iktar 'il fuq, punt 30, inklużi r-referenzi indikati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14.

43 — Ara s-sentenzi tat-28 ta' April 1998, Kohll (C-158/96, Ġabra p. I-1931, punt 25), u tas-16 ta' Mejju 2006, Watts (C-372/04, Ġabra p. I-4325, punt 47).

kontributorju fis-sens ta' l-Artikolu 4(2a), tar-Regolament Nru 1408/71, mogħti skond l-Artikolu 10a ta' l-istess Regolament, lir-residenti biss.

jiffaċilitaw, għaċ-ċittadini Komunitarji, l-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali ta' kull xorta fit-territorji kollha tal-Komunità u jipprekludu l-miżuri li jistgħu ma jkunux favorevoli għal dawn iċ-ċittadini meta huma jkunu jixtiequ jeżerċitaw attività ekonomika fit-territorju ta' Stat Membru ieħor [44].

D — *Fuq ir-raba' domanda preliminari — Kompatibbiltà tar-rekwiżit ta' residenza ma' l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 u ma' l-Artikolu 39 KE u l-Artikoli 12 u 18 KE*

59. Bir-raba' domanda tagħha, is-Centrale Raad van Beroep tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 39 KE u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 kif ukoll l-Artikoli 12 u 18 KE jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali bħal-liġi Wajong, li bis-saħħa tagħha ċittadin ta' l-Unjoni, li jagħmel xogħol full-time fl-Olanda bil-kuntratt ta' impjieg irregolat esklużivament mil-leġiżlazzjoni Olandiża, jista jibbenefika minn benefiċċju tas-sigurtà soċjali biss jekk ikun joqgħod fl-Istat Membru stess.

61. Skond l-Artikolu 10a tar-Regolament Nru 1408/71, il-benefiċċju Wajong jingħata biss lill-persuni li joqgħodu fl-Olanda. Dan jirriżulta fi trattament inqas favorevoli għal dawk il-ħaddiema li jaħdmu fl-Olanda mingħajr ma jgħixu hemmhekk. Madankollu, il-preġudizzju li jiġi mir-residenza jista' jkun iġġustifikat jekk ikun ibbażat fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi ta' interess ġenerali, indipendentement miċ-ċittadinanza [45].

1. Kompatibbiltà ma' l-Artikolu 39 KE u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68

60. Skond ġurisprudenza kostanti, id-dispożizzjonijiet kollha tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-persuni huma intiżi sabiex

62. Ir-rekwiżit tar-residenza fl-Artikolu 10a tar-Regolament Nru 1408/71 iservi biex juri l-kompetenza ta' l-Istati Membri għall-ħlas tal-benefiċċji speċjali mhux kontributorji li għandhom, minbarra karatteristiċi ta' benefiċċji ta' sigurtà soċjali, anki elementi ta' għajnuna soċjali. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet li r-residenza hija kriterju xieraq għal dan l-iskop.

44 — Ara s-sentenzi Singh (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 16); Terhoeve (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 37); Sehrer (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 32), u Ritter-Coulais (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 33).

45 — Ara s-sentenza tad-9 ta' Novembru 2006, Chateignier (C-346/05, Ġabra p. I-10951, punt 32), b'referenza għas-sentenzi O'Flynn (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 19), u tat-23 ta' Marzu 2004, Collins (C-138/02, Ġabra p. I-2703, punto 66). Fir-rigward tar-rabta bejn l-Artikolu 18 KE u r-Regolament Nru 1408/71, ara s-sentenza De Cuyper (C-406/04, Ġabra p. I-6947, punt 40).

63. Minn naħa, fis-sentenza Snares il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-Artikolu 10a tar-Regolament Nru 1408/71 huwa kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-moviment liberu tal-ħaddiema billi huma marbutin mill-qrib ma' l-ambjent soċjali [46]. Billi l-punt ċentrali ta' l-eżistenza ta' persuna jinsab, normalment, fil-post fejn joqgħod, fl-ewwel lok huwa l-Istat ta' residenza li huwa mistenni li jiddefinixxi, wara li jqis l-ambjent soċjali lokali (per eżempju kemm huwa l-għoli tal-ħajja), jekk u b'liema mod għandu jingħata l-benefiċċju speċjali biex jiġi assigurat l-għixien minimu.

64. Min-naħa l-oħra, il-limitu ta' l-esportabbiltà tal-benefiċċji speċjali mhux kontributorji skond l-Artikolu 10a tar-Regolament Nru 1408/71 huwa bbażat fuq il-kunsiderazzjoni li dawn il-benefiċċji huma l-espressjoni tas-solidarjetà fi ħdan Stat Membru, kif tosserva tajjeb il-Kummissjoni. L-Istat li wieħed ikun parti mill-komunità solidali tiegħu, għandu jiggarantixxi wkoll għixien minimu. Fis-sentenza Tas-Hagen u Tas il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet reċentement li d-dritt għall-benefiċċju speċjali jista', bħala regola ġenerali, jiġi suġġett għall-kundizzjoni ta' rabta mas-soċjetà ta' Stat Membru li tidher permezz tar-residenza fl-Istat ikkonċernat [47].

65. Fir-rigward ta' l-ammissibbiltà tal-kriterju ta' residenza, l-Artikoli 10 u 10a tar-Regolament Nru 1408/71 jiddistingwu ġustament bejn benefiċċji tas-sigurtà soċjali u benefiċċji speċjali mhux kontributorji. Il-kompetenza għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali klassiċi ġeneralment hija dik ta' l-Istat fejn il-ħaddiem huwa impjegat u fejn huwa membru tas-sistema tas-sigurtà soċjali li jħallas lilha l-kontribuzzjonijiet. Dwar il-benefiċċji speċjali mhux kontributorji, ma teżistix affiljazzjoni korrispondenti għal kategorija soċjali speċifika ta' assigurati. Minflokha tidhol l-integrazzjoni tas-sistema soċjali tar-residenti kollha fit-territorju ta' l-Istat. L-għoti tal-benefiċċji speċjali jista' jiġi ristrett biss għalihom, filwaqt li l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali jistgħu jintalbu indipendentement mill-post tar-residenza.

66. Il-fatt li l-għoti ta' benefiċċji speċjali jkun marbut mal-post tar-residenza joħloq rabta bejn id-dritt tal-benefiċċji u l-obbligu talfinanzjament simili għal dak li jirriżulta mill-

46 — Ara s-sentenza Snares (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 42). Ara f'dan ir-rigward ukoll is-sentenzi tas-27 ta' Settembru 1988, Lenoir (313/86, Ġabra p. 5391, punt 16); tal-31 ta' Mejju 2001, Leclere u Deaconescu (C-43/99, Ġabra p. I-4265, punt 32), u Kersbergen (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 33).

47 — Sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006 (C-192/05, Ġabra p. I-10451, punti 34 u 35). F'dan is-sens ara s-sentenzi preċedenti tal-11 ta' Lulju 2002, D'Hoop (C-224/98, Ġabra p. I-6191, punt 38); Collins (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punt 67); tal-15 ta' Marzu 2005, Bidar (C-209/03, Ġabra p. I-2119, punt 57), u Ioannidis (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, punt 30).

ħlas tal-kontribuzzjonijiet għall-benefiċċji. Fil-fatt il-benefiċċji speċjali jiġu ffinanzjati permezz tat-taxxi. Ir-residenti huma suġġetti mingħajr limitu għat-taxxa fuq id-dħul fl-Istat tagħhom ta' residenza. Huma jikkontribwixxu bil-konsum personali tagħhom sabiex jiġġeneraw ir-riżorsi fiskali.

67. Madankollu l-importanza tal-kriterju ta' residenza ssir relattiva għall-ħaddiema fuq il-fruntieri li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, huma wkoll marbuta mill-qrib ma' l-ambjent ekonomiku u soċjali tal-post tax-xogħol. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tenfasizza li Hendrix kien mar f'lokalità Belġjana viċin ħafna tal-fruntiera ma' l-Olanda u huwa għalhekk [48] suġġett, skond il-konvenzjoni bejn il-Belġju u l-Olanda kontra t-taxxa doppja, għal dak li għandu x'jaqsam mad-dħul mill-Olanda, għat-taxxa fuq id-dħul Olandiża.

68. Fil-każ ta' ħaddiema fuq il-fruntieri, għandu jiġi stabbilit jekk ir-residenza biss hijiex kriterju xieraq biex jiġi ddeterminat jekk wieħed huwiex parti minn komunità solidali. F'dawk il-każijiet tista' tiġi eżaminata l-opportunità li wieħed jirrikorri għall-kriterji oħra li juru l-livell ta' integrazzjoni f'ambjent ekonomiku u soċjali bħal, per eżempju, il-post tax-xogħol, id-distanza bejn il-post tax-xogħol u l-fruntiera, il-post fejn isiru l-ispejjeż tal-konsum jew il-fulkru tar-relazzjonijiet soċjali.

69. Madankollu f'każijiet bħal dak preżenti, hija esluża rabta mal-post tax-xogħol. Fil-fatt, il-benefiċċju Wajong iservi bħala sussidju tal-post tax-xogħol u jirrappreżenta prattikament l-unika possibbiltà li jiġi impjegat ħaddiem b'diżabbiltà. Jekk min iħaddem jimpjega persuna b'diżabbiltà, huwa ma għandux l-obbligu li jħallas il-paga minima legali; bil-benefiċċju Wajong il-persuna b'diżabbiltà tirċievi d-differenza bejn is-salarju effettiv u s-salarju minimu. Mingħajr dan il-benefiċċju mill-Istat, ikun impossibbli għall-persuni b'diżabbiltà li għandhom inkapaċità parzjali għax-xogħol li jidħlu fis-suq tax-xogħol bil-paga mimima legali. L-impjieg ta' benefiċjarju tal-benefiċċju Wajong huwa għaldaqstant ir-riżultat tal-benefiċċju speċjali mogħti mill-Istat. Ikun hemm ċirklu vizzjuż fl-argument jekk l-impjieg ġewwa pajjiż jikkostitwixxi b'mod konkomitanti l-kriterju tar-rabta tad-dritt ma' dan il-benfiċċju ta' solidarjetà.

70. B'mod differenti mill-kriterju tar-residenza, il-kriterji l-oħrajn huma kkaratterizzati bil-fatt li ma jippermettux rabta ċara ma' ambjent ekonomiku u soċjali, iżda huma biss aspetti konkreti li jippermettu f'kuntest ta' evalwazzjoni komplessiva li jiġi stabbilit l-ambjent ekonomiku u soċjali kkonċernat.

48 — Fil-fatt, sakemm ma jirċevix paga minima legali, Hendrix lanqas ma għandu jħallas taxxa fuq id-dħul.

71. Madankollu, il-koordinazzjoni tar-responsabbiltà ta' l-Istati Membri fl-għoti ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali għandu jkollha kriterji ċari li, fil-kuntest ta' amministrazzjoni tal-massa, jippermettu eżami rapidu u riżultati preċiżi biżżejjed. Għalhekk, ir-rabta mas-sistemi soċjali ta' l-Istati Membri tista' teżisti skond kriterji astratti li, ċertament ma jqisux iċ-ċirkustanzi kollha ta' każ partikolari, iżda li, fil-kuntest ta' metodu astratt, juru rabta predominanti ma' Stat Membru partikolari. Eżami ddettaljat tal-fatturi kollha li jikkaratterizzaw il-każ partikolari mhuwiex mezz xieraq, li jippermetti tqassim, ċar u raġjonevolment faċli sabiex jitmexxa, tal-kompetenzi.

72. Għandu wkoll jiġi osservat li, fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali, l-Istati Membri jibqgħu kompetenti li jiddefinixxu r-rekwiżiti għall-għoti ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali [49], u għalhekk għandhom poter wiesa' ta' diskrezzjoni sabiex jagħżlu l-kriterji ta' eżami tar-rabta mas-soċjetà ta' Stat [50]. Il-leġiżlatur Komunitarju ma llimitax volontarjament dan il-marġni diskrezzjonali, partikolarment fir-rigward tal-kundizzjoni ta' residenza għall-benefiċċji speċjali mhux kontributorji. Anzi, huwa ddikjara espliċitament l-ammissibbiltà tal-klawżoli ta' residenza fl-Artikolu 10a tar-Regolament Nru 1408/71.

49 — Ara s-sentenza Snares (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 45).

50 — Ara l-konklużjonijiet fil-kawża Tas-Hagen u Tas (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 47, punt 61).

73. Fid-dawl ta' din il-libertà ta' l-Istati Membri li, fil-kuntest tat-tqassim tal-kompetenzi għall-għoti ta' benefiċċji speċjali, huma bbażati fuq metodu astratt, ir-rabta ma' kriterju wieħed ta' residenza jidher li huwa legali, għalkemm f'każijiet speċifiċi, per eżempju fil-każ ta' xogħol fuq il-fruntieri, jistgħu jkunu determinanti anki fatturi oħrajn.

74. *Prima facie* din il-konklużjoni tidher li hija f'kontradizzjoni ma' dak li ddikjarat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Meeusen [51], jiġifieri li anki l-ħaddiema fuq il-fruntiera [52], skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 għandhom dritt għall-vantaġġi soċjali fl-Istat fejn jaħdmu indipendentement mill-post tar-residenza tagħhom [53].

75. L-Istati Membri kienu sostnew li din id-dispożizzjoni ma tagħtix lill-ħaddiema fuq il-fruntiera d-dritt li joħorġu l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali mill-Istat ta' impjieg għall-Istat ta' residenza [54]. Fil-fehma tagħhom, din id-dispożizzjoni hija intiża biss sabiex tiffaċilita l-integrazzjoni soċjali tal-ħaddiema migranti fl-Istat Membru li jospita. Madankollu, il-ħaddiema fuq il-fruntiera mhumiex soċjalment integrati f'dan l-Istat, iżda fil-post tar-residenza rispettiva tagħhom.

51 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11.

52 — Fil-premessi tar-Regolament Nru 1612/68, jiġi użat bil-Ġermaniż, b'mod differenti mir-Regolament Nru 1408/71, il-kunċett ta' "Grenzarbeitnehmer" (ħaddiema fuq il-fruntiera). Bit-Taljan u fil-verżjonijiet l-oħra lingwistiċi insibu l-istess terminu fiż-żewġ regolamenti (per eżempju "travailleur frontalier").

53 — F'dan is-sens ara wkoll is-sentenza Il-Kummissjoni vs Franza (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 37, punt 40).

54 — Ara s-sentenza Meeusen (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, punt 20). Ara wkoll is-sentenza tas-27 ta' Novembru 1997, Meints (C-57/96, Ġabra p. I-6689, punt 49).

76. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet dan l-argument għaliex il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1612/68 jinkludi wkoll il-ħaddiema fuq il-fruntiera [55]. Minbarra dan, iddikjarat li l-prinċipju tat-trattament ugwali fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 jipprojbixxi lill-Istat li jospita milli jiddiskrimina kontra l-ħaddiema migranti pparagunati mal-ħaddiema nazzjonali billi l-għoti ta' benefiċċju jiġi suġġett għar-rekwiżit tar-residenza fit-territorju nazzjonali.

77. Id-dikjarazzjonijiet magħmula fis-sentenza Meeusen kienu jirriferu madankollu għall-finanzjament ta' l-istudju favur ulied il-ħaddiem migrant u ma jistgħux japplikaw b'analoġija għan dan il-każ. B'mod differenti mis-sitwazzjoni marbuta mal-finanzjament ta' l-istudju, mhuwiex possibbli li tiġi mqabbla *sic et simpliciter* il-pożizzjoni tal-persuni li joqogħdu fit-territorju ta' l-Istat jew barra mill-pajjiż li jkollhom bżonn ta' benefiċċji diretti biex jiggarantixxu l-għixien minimu. Dawn il-benefiċċji huma konnessi iktar mill-qrib ma' l-ambjent soċjali tal-benefiċjarju.

78. Barra minn dan, huwa l-benefiċċju Wajong, kif diġà ġie osservat, li joħloq il-kundizzjoni sabiex jiġu impjegati ħaddiema b'diżabbiltà b'tali mod li impjieg f'territorju nazzjonali ma jkunx fl-istess ħin, fattur ta' leġittimazzjoni favur il-benefiċċju. Bil-kontra, il-finanzjament ta' l-istudju huwa pjuttost benefiċċju inċidentali li fir-rigward tiegħu l-impjieg u, għaldaqstant, l-obbligu ta' taxxa li jirriżulta minnu, jistgħu minflok jirrappreżentaw rabta biex ikun jista' jitgawda l-benefiċċju.

79. Il-limitazzjoni ta' l-għoti ta' benefiċċji tat-tip previst mill-Wajong lill-persuni li joqgħodu fl-Olanda hija għaldaqstant kompatibbli ma' l-Artikolu 39 KE u l-Artikolu 7 (2) tar-Regolament Nru 1612/68.

2. Kompatibbiltà ma' l-Artikoli 12 u 18 KE

80. Ladarba l-prinċipju ġenerali tal-moviment liberu msemmi fl-Artikolu 18 KE huwa ta' natura sussidjarja meta mqabbel ma' dak tal-moviment liberu tal-ħaddiema msemmi fl-Artikolu 39 KE [56], ma jidhirx li huwa neċessarju li tiġi eżaminata l-kompatibbiltà tar-rekwiżit ta' residenza ma' l-Artikoli 12 u 18 KE.

55 — Ara s-sentenzi Meeusen (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, punti 21 u 22), u Meints (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 54, punt 50).

56 — Ara s-sentenzi tad-29 ta' Frar 1996, Skanavi u Chryssanthakopoulos (C-193/94, Ġabra p. I-929, punt 22); tas-26 ta' Novembru 2002, Oteiza Olazabal (C-100/01, Ġabra p. I-10981, punt 26); tas-6 ta' Frar 2003, Stylianakis (C-92/01, Ġabra p. I-1291, punt 18); tas-16 ta' Diċembru 2004, My (C-293/03, Ġabra p. I-12013, punt 33), u Ioannidis (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, punt 37).

V — Konklużjoni

81. Bħala konklużjoni, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex twieġeb id-domandi preliminari mibgħuta mis-Centrale Raad von Beroep bil-mod li ġej:

"1) Il-benefiċċju mħallas skond il-liġi Olandiża tas-27 ta' April 1997 dwar benefiċċji ta' għajnuna liż-żgħażagħ b'diżabbiltà milqutin minn inkapaċità għax-xogħol (Wet arbeidsongeschiktheidsvoorziening jonggehandicapten, iktar 'il quddiem il-liġi "Wajong") għandu jiġi kkunsidrat bħala benefiċċju speċjali mhux kontributorju fis-sens ta' l-Artikolu 4(2a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 ta' l-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, fil-verżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 307/1999 tat-8 ta' Frar 1999, li għaliha tapplika r-regola ta' koordinazzjoni li tinsab fl-Artikolu 10a ta' l-istess Regolament. Dan jgħodd ukoll għall-każ meta l-individwu kkonċernat irċieva inizjalment benefiċċju kontributorju, li inbidel, mill-1 ta' Jannar 1998, f'benefiċċju taħt il-liġi Wajong.

2) Ħaddiem jista' jinvoka l-Artikolu 39 u l-Artikolu 7 tar-Regolament (KKE) Nru 1612/68 tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità fil-verżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2434/92 tas-27 ta' Lulju 1992, fil-konfront ta' Stat Membru li huwa ċittadin tiegħu, jekk ikun ħadem u jibqa' jaħdem esklużivament f'dan l-istess Stat Membru, iżda joqgħod fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

3) Dispożizzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-għoti jew iż-żamma ta' benefiċċju tas-sigurtà soċjali għar-residenza ta' l-individwu kkonċernat fit-territorju tiegħu mhux dejjem hija kompatibbli ma' l-Artikolu 39 KE u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 għas-sempliċi raġuni li l-benefiċċju huwa benefiċċju

speċjali mhux kontributorju fis-sens ta' l-Artikolu 4(2a), tar-Regolament Nru 1408/71, mogħti skond l-Artikolu 10a ta' l-istess Regolament, lir-residenti biss.

4) L-Artikolu 39 KE u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali bħal-liġi Wajong, li bis-saħħa tagħha ċittadin ta' l-Unjoni, li jagħmel xogħol full-time fl-Olanda bil-kuntratt ta' impjieg irregolat esklużivament mil-leġiżlazzjoni Olandiża, jista jibbenefika minn benefiċċju tas-sigurtà soċjali biss jekk ikun joqgħod fl-Istat Membru stess.